fl-irħula u fil-Belt Valletta, xorta waħda, jitħażżeż kif ġie ġie, kulħadd kif iħossu f'widnejh. Kif tafu intom huma l-illitterati li jiktbu hekk, in-nies li ma jkunux studjaw, kif għadkom tisgħu taraw minn ittri li nies imsefrin l-Awstralja u nħawi oħra tad-dinja jiktbu lin-nies tagħhom. Issa dan kien juri jew nuqqas ta' studju li hu nuqqas ta' moħħ, u li ma jagħmlulniex ġieħ, jew inkella taħwid ta' preġudizzji politiċi li jfixklu l-ħolqien ta' ortografija waħda. Biex tiffissa r-reguli ortografiċi ta' l-Ilsien Semitiku bħal ma hu l-Malti trid tkun studjajt mhux biss il-Malti imma l-ilsna qraba tiegħu. Fi kliem ieħor, il-ħolqien ta' ortografija hi ħaġa li jista' jagħmilha l-istudjuż biss, u mhux in-nies medhijin b'ħidmiet oħra. Meta nqis il-ġid li sar għall-Ilsien Malti mindu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti xerrdet l-ortografija tagħha u l-aktar mill-1934 'l hawn mindu l-Gvern għarafha bħala l-ortografija uffiċjali, jien ma nistax ma nsellimx l-isem tas-Sur Nin Cremona u nifraħlu għall-ġieħ tal-premju li ħaqqlu tassew.

Kemm-il darba qrajt "Il-Malti", li hu l-organu tal-Għaqda tal-Kittieba, jiena ammirajt il-kitba tiegħu fuq il-grammatika tal-Malti u n-nisel tal-kliem li kienu juru studju u ħsieb. Minbarra li ammirajt din il-ktba jiena ħabbejtha bħala filata fl-ewwel ħitan tal-Filoloġija Maltija li minn dak in-nhar 'il hawn sabet fejn togħla iżjed.

Jiena nħoss li dan il-jum ifarraġ il-qalb tal-kittieb tagħna l-għaliex, għalkemm fiż-żmenjiet imwiegħra qatt ma stenna dan il-premju, issa jara li, bħal ħabibu Dun Karm is-sena l-oħra, laħaq hu wkol iż-żmien meta l-ideali ta' żgħożitu seħħu u saru patrimonju nazzjonali, il-għaliex nazzjon tibda tgħix minnha nnifisha u mhux minn fuq dahar nazzjon oħra barranija għalkemm għanja għax uliedha kienu aktar fin-numru u iżjed magħquda, meta tibda tirrispetta lilha nnifisha u tqim l-Ilsien li l-poplu tagħha jitkellem mit-trufijiet kollha tal-Gżira mingħajr ebda għażla ta' klassi. Il-lum eluf ta' żgħażagħ draw jiktbu b'din l-ortografija li għandha r-reguli tagħha mhux maħluqin mix-xejn imma misjubin mill-istess natura ta' l-Ilsien Malti.

Dan il-jum iferraħ lili wkoll; l-ewwelnett, għax nifraħ nara l-mertu ippremjat, imbagħad l-għaliex is-Sur Cremona, barra li hu wieħed mill-kittieba li jiena nammira, hu wkoll wieħed mill-eqdem ħbieb tiegħu, miġbudin it-tnejn minn ideal wieħed li neħħa d-differenza li tgħaddi fl-età tagħna.



Kelma ta' l-aħħar: nifraħlu bil-qalb u nixtieqlu dak li dejjem xtaq hu: is-seħħ ta' kitba b'ortografija waħda li l-lum jinkitbu biha l-ġurnali kollha serji tal-Gżira u ħafna kotba ta' qari, ir-rebħa ta' l-Ilsien Malti u ta' l-ideal nazzjonali li għalina jinġabar fil-vers famuż:

*Malta fil-qalb u lsien, Malta Maltija"*

---

## XITA TAD-DEHEB

*Ta'* A. BUTTIGIEG

Meta tehda t'April ix-xita bnina
li tiksi r-raba' b'kisja ħadra fina,
tibda ta' Mejju x-xita dehbenija
li traxxax minn ġox-xemx għargħar qawwija
li jdieheb lill-uċuħ barra mid-dwieli
u ftit egħlieqi tat-tadam bix-xtieli.
U meta ssir tad-deheb sa l-aħħar żbula,
u l-pepprin jegħja jiżfen f'tarf il-ħbula,
jasal il-minġel mgħawweġ tal-ħassad
li jħalli flok iż-żbul raba' bajjad.

Wieħed poeta lemaħ ħafna mnieżel
ta' qamħ u xgħir maħsud, u b'ħafna pniezel
suwed ħażżeż lill-Mewt bħala sultana
tħares mingħajr għajnejn lejhom daħkana.
Alla jaħfirlu kemm kien moħħu qsajjar!
Ta' qatgħa ta' ħamiem li għad tittajjar
ġo kull munzell hemm ġwienaħ bajdanin,
tal-pettirossi dbabar ħamranin,
hemm ġezziet mielsa ta' merħliet ta' ħrief,
u qaqi tat-tiġieġ u bajd bil-qfief,
ta' fuq l-uċuħ tat-tfal hemm il-wardiet,
hemm fi ftit kliem il-barka tas-smewwiet,
il-ħajja ġdida mnibbta kull rebbiegħa
fuq il-fdal ta' l-imwiet ta' l-art fil-qiegħa.

13. 8. 47.